MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 1289/2010

**Nejib u Rose Marie, konjugi Zaouali**
**vs**
**Mohammed Ali u Joanne, konjugi Khedri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tal-15 ta' Dicembru 2010 fejn jinghad hekk:

1. Illi permezz ta' skrittura fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri u datata 12 ta' Ottubru 2007, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, ir-rikorrenti bieghu u ttrasferew in solidum bejniethom a favur tal-intimati li accettaw, xtraw u akkwistaw indaqs u indivizament bejniethom in-nofs indiviz tal-lanca numru tar-registrazzjni MFA 134, jisimgha 'Lorenza Madre', bil-magna relattiva u bl-apparat, ingenji w attrezzi taghha kollha;

2. Illi l-prezz miftiehem bejn il-partijiet ghal dan il-bejgh kien ta' sitta w erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin Ewro u seghba u erbghin centezmu (€46,587.47);

3. Illi fit-12 ta' Ottubru 2007, ossija fil-jum li fih gie iffirmat l-imsemmi ftehim l-intimati kienu gia hallsu akkont tal-prezz l-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmu (€3,494.06) u s-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u sebghin Ewro u tletin centezmu (€17,470.30) thallsu mill-intimati dakinhar stess tal-iffirmar;

4. Illi fl-istess skrittura datata 12 ta' Ottubru 2007, il-partijiet inoltre ftehmu illi s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) kellha tithallas sa l-ahhar ta' Gunju 2008 u r-rimanenti bilanc tal-prezz kellu jithallas sa l-ahhar ta' Gunju 2009, minghajr interessi;

5. Illi sussegwentement, permezz ta' skrittura ohra fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri u datata 18 ta' Dicembru 2008, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B, filwaqt illi l-intimati hallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000) akkont tal-prezz, il-partijiet ftehmu illi r-rimanenti balance tal-prezz, ossija s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hdax-il centezmu (€18.623.11), kellu jithallas sa l-ahhar ta' Gunju 2009 minghajr interessi;

6. Illi ghalkemm debitament interpellati, anke permezz ta' ittra ufficjali ezekuttiva datata 20 ta' Lulju 2010 (kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata bhala Dock. C), sabiex jithallas dan l-ammont, l-intimati baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn, anzi, permezz ta' nota prezentata fil-5 ta' Awwissu fl-atti tal-imsemmija ittra ufficjali ezekuttiva (kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. D), addirittura qeghdin ighidu li l-ammont mhuwiex dovut;

7. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati

m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talba attrici;

8. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lir-rikorrenti personalment;

Ghaldaqstant ighidu ghalhekk l-istess intimati l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond id-dispozizzjonijet tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta):

1. Tiddeciedi dan ir-rikors skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmientax-il elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hdax-il centezmu (€18,623.11), rapprezentanti r-rimanenti bilanc dovut mill-intimati ghall-bejgh tan-nofs indiviz tal-lanca 'Lorenza Madre (numru ta' registrazzjoni MFA 134);

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' tmintax-il elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hdax-il centezmu (€18,623.11), rapprezentanti r-rimanenti bilanc dovut mill-intimati ghall-bejgh tan-nofs indiviz tal-lanca 'Lorenza Madre (numru ta' registrazzjoni MFA 134);

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-20 ta' Lulju 2010, tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar intavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Lulju 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li humma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrenti;

Rat li r-rikorrenti irriducew it-talbiet taghhom ghas-somma ta’ €17,623.11 stante pagament fil-mori tal-kawza, u dan permezz ta’ nota fl-atti ppresentata fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2011;

Rat li l-intimati ppresentaw nota ta’ ammissjoni tat-talbiet attrici kif ridotti fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2011;

In vista tal-ammissjoni da parti tal-intimati tal-ammont pretiz mil-atturi kif ridott, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil atturi l-ammont ta’ €17,623.11 rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ bejgh tan-nofs indiviz tal-lanca ‘Lorenza Madre’ (numru ta’ registrazzjoni MFA 134) mill-atturi lill-konvenuti, bl-ispejjeż u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------